# Il-Kantina Tan-Nanna

Kienet lejla xitwija b'kesħa xxoqq l-għadam, ix-xita kienet nieżla qliel, is-sajjetti bdew iteptpu minn kull tieqa fid-dar, u ġismi beda jterter taħt il-gverta tan-nanna Nerina rqiqa, issatinata. F'daqqa waħda waslu l-ħbieb tad-duttrina. Għalkemm m'ilux ħafna li ltqajna flimkien xorta konna ħbieb sewwa.

Dawn kif daħlu mill-bieb dehru mxarrbin għasra ħabba x-xita. Iddeċidejna li noqogħdu ngħidu l-ħrejjef tal-biża'. Kif kien imiss lili għidtilhom fuq id-dar tan-nanna Nerina li konna ninsabu fiha dak il-ħin stess. Għidtilhom li xi ħadd kien instab mejjet fil-kantina t'isfel. Ma kinitx diffiċli biex tinduna li dawn riedu jtiru 'l barra mid-dar. Imbagħad jien u l-ħabib tiegħi, Caleb, iddeċidejna li mmorru sal-kantina.

Sienna, il-ħabiba tiegħi l-oħra, mill-ewwel infaqgħet tibki, qisha bużżieqa. Imma jien u Caleb konna eċċitati daqslikieku sejrin il-Maldives. Wara ħafna patti u kundizzjonijiet iddeċidejna li mmorru naraw il-kantina. Allaħares taqbadni n-nanna għax għal xi raġuni jew oħra dejjem tgħidli biex ma nidħolx hemm.

Kif dħalna fil-kantina ma stajtx u ma ridtx nemmen x'kont qed nara b'għajnejja... Possibbli nannti kienet wara l-qtil brutali ta' din il-povra tifla li kienu ilhom snin ifittxu l-pulizija, mixħuta fl-art, mgħarrqa fid-demm...?? Nannti?! Jien (Ecem), Sienna u Caleb ħriġna niġru mill-kantina mbikkmin. Qabel infridna wegħedna lil xulxin li jiġri x'jiġri fuq dan il-lejl ma nitkellmu qatt ma' ħadd.

U dik kienet il-ġurnata fejn il-kantina ngħalqet għalkollox, bis-sigrieti kollha msakkrin b'katina tqila.

Chazny Axisa 7Q